Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Ġunju 2019**
**(OR. en)**

**8984/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0076 (NLE)**

**PECHE 228**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja |

FTEHIM TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U R-REPUBBLIKA TAL-GAMBJA

L-UNJONI EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni", u

IR-REPUBBLIKA TAL-GAMBJA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Gambja",

flimkien minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet",

FILWAQT LI JQISU r-relazzjoni ta' ħidma mill-qrib bejn l-Unjoni u l-Gambja, l-aktar fil-kuntest tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Ftehim ta' Cotonou"), u x-xewqa tagħhom it-tnejn li jsaħħu dik ir-relazzjoni,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar (l-UNCLOS) u l-Ftehim tal-1995 dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet tal-Ħut Transżonali u tal-Istokkijiet tal-Ħut li Jpassi Ħafna,

DETERMINATI li japplikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT) u ta' organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti oħrajn,

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji stabbiliti mill-Kodiċi ta’ Kondotta għal Sajd Responsabbli adottat fl-1995 waqt il-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (l-FAO),

DETERMINATI li jikkooperaw, fl-interess reċiproku tagħhom, biex jippromwovu s-sajd responsabbli ħalli jkunu żgurati l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar,

KONVINTI li din il-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq inizjattivi u miżuri li, kemm jekk il-Partijiet jeħduhom flimkien kif ukoll jekk individwalment, ikunu jikkumplimentaw lil xulxin u jkunu konsistenti ma' politiki u jiżguraw sinerġija fl-isforzi,

BEĦSIEBHOM, għal dawn il-finijiet, jibdew djalogu dwar il-politika settorjali tas-sajd li jħaddem il-Gvern tal-Gambja u jidentifikaw il-mezzi xierqa biex jiżguraw li din il-politika tiġi implimentata b’mod effettiv u li f’dan il-proċess jiġu inklużi l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili,

JIXTIEQU jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Gambja u l-appoġġ tal-Unjoni biex f’dik iż-żona jsir sajd sostenibbli,

JIXTIEQU jistabbilixxu ftehim ta’ ġid reċiproku bejn l-Unjoni u l-Gambja,

DETERMINATI li jippromwovu kooperazzjoni ekonomika eqreb bejn iż-żewġ Partijiet fl-industrija tas-sajd u fl-attivitajiet relatati magħha,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “l-awtoritajiet tal-Gambja” tfisser il-Ministeru responsabbli għas-sajd fir-Repubblika tal-Gambja;

(b) “l-awtoritajiet tal-Unjoni” tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

(c) “dan il-Ftehim” tfisser il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja;

(d) “il-Protokoll” tfisser il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gambja, l-Anness tal-Protokoll u l-Appendiċijiet ta' dak l-Anness;

(e) “attività tas-sajd” tfisser: it-tiftix għall-ħut; it-tfigħ il-baħar, il-kalar, it-tkarkir u l-irfigħ tal-irkaptu tas-sajd; it-teħid tal-qabdiet abbord; l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid fil-gaġeġ, is-simna u ħatt l-art tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd;

(f) “bastiment tas-sajd” tfisser kull bastiment mgħammar għall-użu kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(g) “bastiment tal-Unjoni” tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

(h) “bastiment tal-għajnuna” tfisser kull bastiment tal-Unjoni li jagħti assistenza lill-bastimenti tas-sajd, li ma jkunx mgħammar għas-sajd jew jintuża għall-operazzjonijiet tat-trażbord;

(i) “iż-żona tas-sajd tal-Gambja” tfisser dik il-parti mill-ilmijiet li taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-Gambja li fiha l-Gambja tawtorizza lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu attivitajiet tas-sajd;

(j) “sajd sostenibbli” tfisser sajd konformi mal-għanijiet u l-prinċipji stabbiliti mill-Kodiċi ta’ Kondotta għal Sajd Responsabbli adottat waqt il-Konferenza tal-FAO fl-1995.

ARTIKOLU 2

Kamp ta’ applikazzjoni

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw:

(a) il-kundizzjonijiet li taħthom il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja;

(b) il-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fis-settur tas-sajd, bil-ħsieb li jiġi promoss is-sajd sostenibbli fiż-żona tas-sajd tal-Gambja u li jiġu żviluppati s-settur marittimu u s-settur tas-sajd tal-Gambja;

(c) il-kooperazzjoni dwar miżuri ta' ġestjoni, kontroll u sorveljanza fiż-żona tas-sajd tal-Gambja bil-ħsieb li tkun żgurata l-konformità mar-regoli u mal-kundizzjonijiet imsemmijin hawn fuq u li jiġi żgurat li l-miżuri għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u għall-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd ikunu effettivi, l-aktar dawk li jikkonċernaw il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU, illegal, unreported and unregulated);

(d) is-sħubijiet bejn l-operaturi bil-għan li, fl-interess ta' xulxin, jiġu żviluppati attivitajiet ekonomiċi fis-settur tas-sajd u attivitajiet relatati.

ARTIKOLU 3

Prinċipji u għanijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fiż-żona tas-sajd tal-Gambja abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn il-bastimenti differenti li jkunu jinsabu f'dik iż-żona.

2. L-awtoritajiet tal-Gambja jintrabtu li ma jagħtux kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk maqbula taħt dan il-Ftehim lil bastimenti barranin oħrajn li joperaw fiż-żona tas-sajd tal-Gambja u li għandhom l-istess karatteristiċi u li jistadu għall-istess speċijiet bħal dawk li jkopri dan il-Ftehim u l-Protokoll. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni, mal-iżvilupp u mal-ġestjoni tar-riżorsi, mal-arranġamenti finanzjarji, mat-tariffi u mad-drittijiet marbutin mal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd. L-awtoritajiet tal-Gambja jintrabtu li jagħtu sehem xieraq miż-żejjed tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għall-bastimenti tal-Unjoni, fejn dan ikun rilevanti.

3. Fl-interess tat-trasparenza, il-Gambja tintrabat li tippubblika l-informazzjoni marbuta ma' kull ftehim li jawtorizza lill-bastimenti barranin jistadu fiż-żona tas-sajd tagħha u l-isforz tas-sajd li joħroġ minnu, b'mod partikulari l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd li jkunu nħarġu u l-qabdiet li jkunu ġew irrappurtati, u li tiskambja din l-informazzjoni.

4. Il-Partijiet jaqblu li l-bastimenti tal-Unjoni għandhom jistadu biss għaż-żejjed tal-qabda permissibbli msemmi fl-Artikolu 62(2) u (3) tal-UNCLOS u stabbilit b'mod ċar u trasparenti abbażi tal-pariri xjentifiċi rilevanti disponibbli u tal-informazzjoni rilevanti skambjata bejn il-Partijiet b'rabta mal-isforz totali tas-sajd fuq l-istokkijiet rilevanti mill-bastimenti kollha li joperaw fiż-żona tas-sajd.

5. Fir-rigward ta' stokkijiet ta' ħut transżonali jew stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-valutazzjonijiet xjentifiċi reġjonali u l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd rilevanti.

6. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta’ Cotonou fejn jidħlu elementi essenzjali ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, u l-element fundamentali ta' governanza t-tajba.

7. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-ħsieb li jimplimentaw il-politika settorjali tas-sajd li adotta l-Gvern tal-Gambja u għandhom jibdew djalogu politiku dwar ir-riformi meħtieġa.

8. Id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol għandha tapplika għalkollox għall-baħrin Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) reklutati fuq bastimenti tal-Unjoni, l-aktar fejn jidħlu l-libertà ta’ assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv tal-ħaddiema, u t-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tax-xogħol.

9. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin qabel ma jadottaw xi deċiżjoni li tista’ taffettwa l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni taħt dan il-Ftehim.

## ARTIKOLU 4

### Aċċess għaż-żona tas-sajd tal-Gambja

L-awtoritajiet tal-Gambja jintrabtu li jawtorizzaw lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja skont dan il-Ftehim u skont il-liġijiet applikabbli tal-Gambja.

ARTIKOLU 5

Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' attivitajiet tas-sajd u klawżola ta’ esklużività

1. Il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd (definita bħala “liċenzja” skont il-leġiżlazzjoni tal-Gambja) maħruġa taħt dan il-Ftehim. Huma pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd kollha mhux koperti minn dan il-Ftehim.

2. L-awtoritajiet Gambjani għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni taħt dan il-Ftehim biss. Huwa pprojbit li lill-bastimenti tal-Unjoni jinħarġulhom awtorizzazzjonijiet tas-sajd mhux koperti minn dan il-Ftehim, l-aktar fl-għamla ta’ awtorizzazzjonijiet diretti.

3. Il-proċedura biex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastiment tal-Unjoni, it-tariffi applikabbli u l-metodu tal-ħlas li sid il-bastiment għandu jużа għandhom ikunu ddefiniti fil-Protokoll.

4. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet u dawn l-arranġamenti jiġu applikati tajjeb permezz ta’ kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom mil-lat amministrattiv.

ARTIKOLU 6

Liġi applikabbli

1. L-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fiż-żona tas-sajd tal-Gambja għandhom ikunu suġġetti għall-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tal-Gambja, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim jew fil-Protokoll. Lill-awtoritajiet tal-Unjoni, il-Gambja għandha tipprovdilhom il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

2. Il-Gambja għandha tieħu l-passi xierqa meħtieġa biex id-dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza tas-sajd previsti f'dan il-Ftehim jiġu applikati b'mod effettiv. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-Gambja li għandhom ir-responsabbiltà jwettqu tali monitoraġġ, dan il-kontroll u din is-sorveljanza.

3. L-awtoritajiet tal-Gambja għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet tal-Unjoni b'kull bidla fil-leġiżlazzjoni eżistenti jew b'kull leġiżlazzjoni ġdida li jkollha l-potenzjal tħalli impatt fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni. Tali leġiżlazzjoni għandha tkun infurzabbli fir-rigward tal-bastimenti tal-Unjoni wara 60 jum mill-għada li n-notifika tal-Gambja tasal għand l-awtoritajiet tal-Unjoni.

4. L-Unjoni għandha tieħu l-passi xierqa meħtieġa biex tiżgura li l-bastimenti tagħha jkunu jikkonformaw ma' dan il-Ftehim u mal-leġiżlazzjoni li tirregola s-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

5. L-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet tal-Gambja mingħajr dewmien b'kull bidla fil-liġi tal-Unjoni li jkollha l-potenzjal tħalli impatt fuq l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni taħt dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 7

Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Gambja taħt dan il-Ftehim sabiex:

(a) twieżen parti mill-ispejjeż tal-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-żona tas-sajd tal-Gambja u għar-riżorsi tas-sajd ta’ dan il-pajjiż, mingħajr preġudizzju għall-ispejjeż tal-aċċess li jġarrbu s-sidien tal-bastimenti;

(b) issaħħaħ il-kapaċità tal-Gambja li tiżviluppa politika sostenibbli tas-sajd permezz ta' appoġġ settorjali.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali għandha tkun dissoċjata mill-ħlasijiet għall-ispejjeż għall-aċċess u għandha tkun stabbilita skont it-twettiq tal-għanijiet tal-appoġġ settorjali tal-Gambja f’konformità mal-Protokoll u mal-programmazzjoni annwali u pluriennali għall-implimentazzjoni tiegħu u tingħata bil-kundizzjoni li dawn jitwettqu.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti l-Unjoni għandha titħallas kull sena skont il-Protokoll.

L-ammont tal-kontribuzzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 jista' jirrevedih il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-affarijiet li ġejjin:

(a) tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni minħabba l-ġestjoni tal-istokkijiet ikkonċernati, fejn dan jitqies li huwa meħtieġ għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tar-riżorsi skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli;

(b) żieda fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni meta, skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, il-qagħda tar-riżorsi tkun tippermetti dan.

L-ammont tal-kontribuzzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jista' jiġi rivedut minħabba valutazzjoni mill-ġdid tat-termini tal-kontribuzzjoni finanzjarja biex tiġi implimentata l-politika settorjali tas-sajd tal-Gambja, fejn dan ikun iġġustifikat mir-riżultati speċifiċi tal-programmazzjoni annwali u pluriennali li josservaw iż-żewġ Partijiet.

Il-kontribuzzjoni tista' tiġi sospiża minħabba:

(a) l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 ta' dan il-Ftehim;

(b) l-applikazzjoni tal-Artikolu 16 ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 8

Promozzjoni tal-kooperazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi u fis-soċjetà ċivili

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni ekonomika u teknika fis-settur tas-sajd u fis-setturi relatati miegħu. Dawn għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jikkoordinaw id-diversi miżuri li jistgħu jittieħdu għal dan il-għan.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-iskambju tal-informazzjoni dwar it-tekniki tas-sajd, l-irkaptu tas-sajd, il-metodi ta' preżervazzjoni u l-ipproċessar industrijali tal-prodotti tas-sajd.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom, fejn xieraq, biex joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-intrapriżi tagħhom fl-oqsma tekniċi, ekonomiċi u kummerċjali, billi jħeġġu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tan-negozju u tal-investimenti.

4. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu l-ħatt l-art tal-qabdiet tal-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fil-Gambja.

5. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-ħolqien ta' intrapriżi konġunti fil-qasam tas-sajd u tal-ekonomija marittima.

ARTIKOLU 9

Kumitat Konġunt

1. Huwa b'dan stabbilit Kumitat Konġunt li jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-Unjoni u tal-Gambja għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt jista' jadotta emendi fil-Protokoll.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom b'mod partikulari jkunu li:

(a) jimmonitorja l-prestazzjoni, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-aktar id-definizzjoni tal-programmazzjoni annwali u pluriennali msemmija fl-Artikolu 7(2) u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha;

(b) jiżgura l-kuntatti meħtieġa fi kwistjonijiet ta' interess reċiproku fil-qasam tas-sajd, l-aktar fejn tidħol l-analiżi statistika tad-data dwar il-qabdiet;

(c) iservi ta' forum biex kwalunkwe tilwim li jinqala' b'rabta mal-interpretazzjoni jew mal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jissolva b'mod amikevoli.

3. Il-funzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandha tikkonsisti mill-approvazzjoni ta' modifiki fil-Protokoll fir-rigward ta':

(a) ir-reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u, konsegwentement, tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti;

(b) il-proċeduri tal-appoġġ settorjali;

(c) il-kundizzjonijiet tekniċi u l-modalitajiet li taħthom il-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont l-għanijiet ta’ dan il-Ftehim u skont ir-regoli rilevanti adottati mill-ICCAT u minn organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd oħrajn, fejn rilevanti.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa’ tal-inqas darba fis-sena, sena fil-Gambja u s-sena ta’ wara fl-Unjoni, jew f’post ieħor magħżul bi qbil bejniethom, u dan għandha tippresedih il-Parti ta’ fejn tkun qed issir il-laqgħa. Għandu jkollu laqgħat speċjali fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b’konsensus u għandhom jinhemżu mal-minuti maqbula tal-laqgħa.

ARTIKOLU 10

Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra s-sajd IUU

Il-Partijiet jintrabtu li jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU sabiex ikun jista' jsir sajd responsabbli u sostenibbli.

ARTIKOLU 11

Kooperazzjoni xjentifika

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni xjentifika biex jivvalutaw b'mod regolari l-qagħda tal-istokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-Gambja f'kollaborazzjoni mal-korpi xjentifiċi reġjonali u sottoreġjonali.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jikkonsultaw lil xulxin, jekk ikun hemm bżonn, fil-kuntest tal-ICCAT u ta' organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd rilevanti oħrajn sabiex isaħħu l-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fiż-żona tas-sajd tal-Gambja.

ARTIKOLU 12

Żona ġeografika ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji fejn japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Gambja.

ARTIKOLU 13

Tul ta' żmien u tiġdid taċitu

Dan il-Ftehim għandu japplika għal sitt snin mid-data minn meta jibda japplika b'mod provviżorju. Dan għandu jiġġedded b'mod taċitu, sakemm ma tingħatax notifika ta' terminazzjoni skont l-Artikolu 16.

ARTIKOLU 14

Applikazzjoni provviżorja

Dan il-Ftehim għandu jibda japplika b'mod provviżorju mid-data meta jiġi ffirmat.

ARTIKOLU 15

Sospensjoni

1. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet f'każ wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin:

(a) fejn ikun hemm ċirkustanzi, minbarra fenomeni naturali, li xi waħda mill-Partijiet b'mod raġonevoli ma jkollhiex kontroll fuqhom u li jkunu tali li ma jippermettux li jsir is-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja;

(b) fejn tinqala' xi tilwima bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(c) fejn xi waħda mill-Partijiet issib li kien hemm ksur tal-elementi essenzjali u fundamentali marbutin mad-drittijiet tal-bniedem stabbiliti fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou u konsegwentement għall-proċedura stabbilita fl-Artikoli 8 u 96 tiegħu.

2. Is-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi notifikata mill-Parti interessata bil-miktub lill-Parti l-oħra, u għandha ssir effettiva tliet xhur mir-riċezzjoni tan-notifika. Ir-riċezzjoni tan-notifika għandha twassal biex jinfetħu konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet biex isibu soluzzjoni amikevoli għat-tilwima tagħhom fi żmien tliet xhur.

3. Fejn ma tinstabx soluzzjoni amikevoli għad-differenzi bejn il-Partijiet u l-Ftehim jiġi sospiż, il-Partijiet għandhom ikomplu jikkonsultaw lil xulxin biex isibu soluzzjoni għat-tilwima tagħhom. Ladarba tinstab din is-soluzzjoni, għandha tissokta l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u, sakemm ma jintlaħaqx qbil mod ieħor, l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u pro rata temporis skont il-perjodu li matulu tkun damet sospiża l-implimentazzjoni.

ARTIKOLU 16

Terminazzjoni

Kull waħda mill-Partijiet tista' tittermina dan il-Ftehim f'xi każ jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) fejn jinqalgħu ċirkustanzi, minbarra fenomeni naturali, li xi waħda mill-Partijiet b'mod raġonevoli ma jkollhiex kontroll fuqhom, u li ma jippermettux li jsiru l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gambja;

(b) meta jiġu ddegradati l-istokkijiet ikkonċernati skont l-aqwa parir xjentifiku indipendenti u affidabbli disponibbli;

(c) meta jonqos il-livell ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni;

(d) meta jinkisru l-impenji li l-Partijiet ikunu daħlu għalihom fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

2. It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi notifikata mill-Parti interessata bil-miktub lill-Parti l-oħra, u għandha ssir effettiva sitt xhur mir-riċezzjoni tan-notifika, , sakemm il-Partijiet ma jaqblux bejniethom li jtawlu dan il-perjodu. Il-Partijiet għandhom jibdew konsultazzjonijiet bejniethom mir-riċezzjoni tan-notifika ta' terminazzjoni biex isibu soluzzjoni amikevoli għat-tilwima tagħhom fi żmien il-perjodu ta' sitt xhur.

Fil-każ ta' terminazzjoni, il-ħlas tal-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 għas-sena meta ssir effettiva t-terminazzjoni għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*.

ARTIKOLU 17

Tħassir

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Gambja dwar sajd 'il barra mill-Gambja, li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1987, b'dan jitħassar.

## ARTIKOLU 18

### Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li huma lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

## ARTIKOLU 19

### Lingwi

Dan il-Ftehim huwa mfassal duplikatament bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, u kull test huwa awtentiku bl-istess mod.